MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-20 ta' April, 2017

Rikors Revoka numru 715/16LM

Fl-atti tal-kontromandat numru 258/2016 AF fl-ismijiet:

**L-Avukat Cedric Mifsud għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Tunisia Tuna soċjetà ta' responsabbiltà limitata reġistrata fit-Tunezija, bin-numru ta' reġistrazzjoni B 18432002, bl-indirizz Industrial Zone Reciche 5100, Mahdia Tuneżija**

***vs.***

**Il-bastiment M/V BENI LOUMA bin-numru ta' reġistrazzjoni OR 5154 reġistrata taħt il-bandiera tal-Alġerija**

wara l-ħruġ tal-mandat ta' Arrest ta' Bċejjeċ tal-baħar 'il fuq minn għaxar metri (kawtelatorju) numru 90/16

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat fid-19 ta' Awwissu minn **Il-bastiment MV BENI LOUMA** (minn issa 'l quddiem "il-bastiment eżekutat") li jgħid kif ġej:

*Illi fl-21 ta' Jannar ta' 2016, il-bastiment BENI LOUMA ġie arrestat ġewwa l-ibħra territorjali ta' Malta permezz tal-Mandat ta' Arrest ta' Bejjeċ tal-Baħar numru 90/16 fl-istess ismijiet hawn fuq iċċitat, liema mandat ġie akkordat dakinhar stess.*

*Illi l-imsemmi mandat ta' arrest kawtelatorju kien maħruġ għas-somma globali ta' tliet mija disa' u għoxrin elf, seba' mija u disa' u sebgħin Dinar Tuneżin u ħames ċenteżmi (329,779.05 D) ekwivalenti għal mija disgħa u erbgħin elf, tmien mija, disa' u disgħin Euro u sebgħa u ħamsin ċenteżmi (€149,899.57) u dan allegatament in konnessjoni ma' xogħlijiet ta' tiswijiet u riparazzjoni abbord il-bastiment. Għal kull buon fini, kopja ta' dan il-mandat ta' arrest annessa u mmarkata bħala Dokument 'AA1'.*

*Illi sussegwentement, u minħabba li kellu interess li l-mandat odjern jiġi revokat skont il-liġi sabiex jigu minimizzati d-danni inġenti li qed jiġu kawżati bl-istess mandat u għalhekk mingħajr ebda preġudizzju l-esponenti ottjeniet l-emmissjoni ta' garanzija bankarja mill-APS Bank Limited għall-ammont ta' mija u ħamsin elf u erba' mitt Euro (€150,400) a favur is-sekwestrant u dana in via ta' garanzija alternattiva biex tkopri l-pretensjonijiet tal-istess soċjetà sekwestranta kif ukoll l-ispejjeż tal-mandat inkwistjoni, liema garanzija bankarja ġiet ddepożitata fir-Reġistru tal-Qrati Ċivili permezz ta' ċedola ta' depożitu numru 265/16 datata 22 ta' Frar, 2016.*

*Illi wara li ġiet iddepożitata garanzija alternattiva, fit-24 ta' Frar, 2016 inħareġ il-kontromandat relattiv numerat 258/2016 li permezz tiegħu ġie rilaxxat il-bastiment intimat.*

*Illi fit-5 ta' Frar, 2016 is-socjetà sekwestranta ppreżentat rikors ġuramentat ai termini ta' Artikolu 167 ta' Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tiftaħ kawża fuq il-mertu in konnessjoni mal-pretensjonijiet tagħha li ġew ikkawtelati permezz ta' 'l fuq imsemmija ċedola (Kopja ta' dan ir-rikors annessa u mmarkata bħala Dokument 'AA2'.)*

*Illi fl-ewwel udjenza quddiem dina l-Onorabbli Qorti t-talba tas-soċjetà sekwestranta ġiet ikkontestata mill-esponenti fl-istess proċeduri pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti (Rikors Mahluf Nru 94/16LM) u saħansitra l-bastiment ingħata l-fakultà sabiex jippreżenta risposta ġuramentata sabiex jeċċipixxi l-eċċezzjonijiet tiegħu.*

*Illi kif ser jiġi spjegat fid-dettall permezz ta' dan ir-rikors, jirriżulta illi 'l fuq imsemmi mandat ta' arrest huwa illegali stante illi inter alia l-Qrati Ċivili ta' Malta m'għandhomx ġurisdizzjoni in rem fuq il-bastiment intimat.*

## I. IL-FATTI RELEVANTI

*Illi mid-dokumentazzjoni annessa mal-mandat ta' arrest numru 90/16 (Dok. 'AA1') kif ukoll mar-rikors ġuramentat relattiv (Dok. 'AA2') jidher illi l-mertu tal-pretensjonijiet odjerni jinvolvu allegat somom ta' flus dovuti lis-soċjetà estera TUNISIA TUNA mis-soċjetà estera BENI LOUMA, reġistrata gewwa l-Alġerija, in konnessjoni ma' xi xogħlijiet ta' manutenzjoni u riparazzjonijiet li saru abbord il-bastiment intimat fis-sena 2013, u dan wara li ġie konkluż ftehim verbali li mbagħad ġie sanzjonat permezz ta' kuntratt bil-miktub datat sitta (6) ta' Mejju, 2013. Kopja ta' dan il-kuntratt annessa bħala Dokument B mal-mandat ta' arrest numru 90/16 (vide Dok. 'AA1').*

*Di più, jingħad illi skont l-ewwel paragrafu tal-istess rikors promotur tal-kawża ġie ddikjarat illi s-soċjetà estera BENI LOUMA hija l-proprjetarja tal-bastiment intimat M/V BENI LOUMA – iżda kif ser jiġi spjegat hawn isfel, dan mhuwiex minnu!*

## II. IS-SOĊJETÀ PROPRJETARJA TAL-BASTIMENT INTIMAT

*Illi għal kuntrarju ta' dak illi ntqal fir-rikors promotur, is-soċjetà estera BENI LOUMA reġistrata ġewwa l-Alġerija mhijiex u qatt ma kienet il-proprjetarja tal-bastiment intimat.*

*Kif jidher ċar miċ-ċertifikat datat 3 ta' Diċembru, 2014 u maħruġ mill-Awtorità Marittima ġewwa l-Alġerija (kopja annessa u mmarkata bħala Dokument 'AA3'), is-sid reġistrat tal-bastiment hija s-soċjetà estera SARL GOLDEN TUNA, soċjetà reġistrata ġewwa l-Alġerija.*

*Għal kull buon fini, qed jiġi ppreżentat ukoll ċertifikat ieħor datat 7 ta' Mejju, 2015 u liema dokument kien elevat mill-marixxali tal-qorti meta l-bastiment intimat ġie arrestat fl-21 ta' Jannar, 2016, li wkoll jindika lis-soċjetà estera SARL GOLDEN TUNA bħala l-proprjetarja tal-bastiment intimat M/V BENI LOUMA (annessa u mmarkata bħala Dokument 'AA4').*

*In sostenn tal-fatt li s-soċjetà proprjetarja tal-bastiment hija SARL GOLDEN TUNA, qed jiġi ppreżentat ukoll ċertifikat maħruġ mill-Awtorità Marittima tal-Alġerija datat 15 ta' Marzu, 2016 li juri b'mod ċar li s-soċjetà proprjetarja tal-bastiment intimat Beni Louma hija s-soċjetà SARL GOLDEN TUNA (kopja annessa u mmarkata bħala Dokument 'AA5').*

## *III. L-ILLEGALITÀ TAL-ĦRUĠ TAL-MANDAT TA' ARREST NUMRU 90/60*

*Illi l-mandat ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar 'il fuq minn għaxar metri (kawtelatorju) numru 90/60 ċertament inħareġ kontra l-liġi kif ukoll b'mod frivolu u/jew vessatorju, u dan għas-segwenti raġunijiet:*

A. *Illi huwa ben stabbilit illi taħt il-liġi nostrana kull kreditur għandu d-dritt li jarresta bastiment in personam jew inkella in rem, fejn ir-rekwiżiti legali neċessarji ovvjament jiġu sodisfatti.*

B. *Illi meta kreditur jarresta bastiment in personam dan ifisser li qed jaqbad il-bastiment bħala proprjetà tas-sid tal-bastiment sabiex jikkawtela l-allegat kreditu tiegħu. Għalhekk s'intendi illi s-sid tal-bastiment jrid ikun id-debitur tal-istess kreditur.*

C. *Illi kif diġà ntqal is-soċjetà proprjetarja tal-bastiment hija SARL GOLDEN TUNA u mhux is-soċjetà estera BENI LOUMA, li allegatament ftiehmet mas-soċejtà sekwestranta sabiex isiru xogħlijiet ta' riparazzjoni.*

D. *Illi in vista tas-suespost jidher ċar illi f'dan il-każ odjern is-soċjetà TUNISIA TUNA ma kellha ebda dritt tarresta l-bastiment in personam.*

E. *Illi sabiex kreditur jista' joħrog mandat ta' arrest kif ukoll sabiex jiftaħ kawża f'Malta kontra bastiment in rem il-Qrati ċivili f'Malta jridu jkollhom ġurisdizzjoni in rem kontra l-istess bastiment u dana skont il-provvedimenti tal-Artikoli 742B u 742D.*

F. *Artikolu 742B jelenka dawk il-pretensjonijiet li jagħtu l-ġurisdizzjoni in rem lil dina l-Onorabbli Qorti u fosthom wieħed issib is-segwenti sub-artikoli (o) u (p) li huma ta' rilevanza f'dan il-każ, liema sub-artikolu qegħdin jiġu riprodotti hawn isfel:*

> *"(o) kull pretensjoni rigward merkanzija, materjal, proviżjonijiet, bunkers, provvisti, u neċessitajiet forniti lil vapur għat-tħaddim, immaniġġar, żamma u manutenzjoni tiegħu;*

*(p) kull pretensjoni rigward il-kostruzzjoni, il-kostruzzjoni mill-ġdid, it-tiswija, il-konversjoni jew l-ekwipaġġar ta' vapur;".*

*Iżda jingħad ukoll li sabiex ikun hemm ġurisdizzjoni in rem kontra bastiment fir-rigward tal-pretensjonijiet li jaqgħu taħt Artikolu 742B(d) sa (y) ir-rekwiżiti legali taħt Artikolu 742D irridu wkoll bilfors jiġu sodisfatti. Dan l-artikolu qed jigi riprodott għall-konvenzjenza ta' dina l-Onorabbli Qorti:*

*"Ħlief għal dawk il-każijiet li jiġbdu fuqhom privileġġ speċjali skont l-artikolu 50 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, u li, skont l-artikolu 37D(3) tal-istess Att, jibqgħu jseħħu l-bejgħ volontarju ta' bastiment sa sena wara l-bejgħ, fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 742B(d) sa (y), azzjoni in rem tista' ssir fil-qrati ċivili ta' Malta kontra –*

*(a) dak il-vapur jew bastiment, fejn il-persuna li tkun responsabbli fi pretensjoni għal azzjoni in personam (''il-persuna rilevanti'') kienet, meta nħolqot il-kawża għall-azzjoni, sid jew noleġġatur ta', jew kellha fil-pussess jew taħt il-kontroll tagħha, il-vapur jew il-bastiment, jekk fiż-żmien meta tinġieb l-azzjoni l-persuna rilevanti tkun sid jew sid benefiċjarju ta' dak il-vapur jew in-noleġġatur taħt bareboat charter ta' dak il-vapur;*

*(b) kull bastiment ieħor li tiegħu, fiż-żmien meta tinġieb l-azzjoni, il-persuna rilevanti tkun is-sid jew is-sid benefiċjarju rigward l-ishma kollha f'dak il-bastiment."*

*Illi għalhekk skont Artikolu 742D(a) sabiex kreditur ikollu dritt in rem kontra bastiment il-persuna li kienet responsabbli meta nħolqot il-kawża għall-azzjoni trid tkun is-sid, jew in-noleġġatur (charterer), jew ikollha kontroll, jew taħt il-pussess tagħha dak il-bastiment kif ukoll meta tinġieb l-azzjoni dik l-istess persuna responsabbli trid tkun is-sid tal-bastiment jew inkella bareboat charterer tal-istess bastiment.*

*Illi kif diġà ġie spjegat iktar 'il fuq il-persuna responsabbli għall-allegat kreditu tidher li hija s-soċjetà estera BENI LOUMA, li la hija s-sid tal-bastiment u lanqas il-bareboat charterer.*

*Kif jidher ċar mid-dokumenti annessi ma' din in-nota, fit-3 ta' Diċembru, 2014 il-bastiment kien diġà rreġistrat f'isem is-soċjetà proprjetarja SARL GOLDEN TUNA u*

*għaldaqstant is-soċjetà BENI LOUMA li allegatament hija debitriċi tas-soċjetà attriċi, ma kinetx is-sid jew il-bareboat charterer meta nħareġ il-Mandat ta' Arrest ta' Bċejjeċ tal-Baħar numru 90/16 u meta nfetħet din il-kawża odjerna, u dan kif jidher ċar miċ-ċertifikati maħruġin mill-Awtorità Marittima tal-Alġerija.*

*Illi għalhekk ir-rekwiżiti neċessarji sabiex tirnexxi l-azzjoni attriċi bħala azzjoni in rem miġjuba kontra l-bastiment intimat kontemplati fl-artikolu 742D tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta mhumiex sodisfatti, u kwindi l-azzjoni tal-attriċi in rem miġjuba kontra l-bastiment intimat ma tistax tissussisti u allura, neċessarjament, trid tfalli.*

*Illi jingħad ukoll illi f'dan il-każ odjern l-Artikolu 742D(b) huwa irrilevanti u inapplikabbli għaliex dan l-artikolu jirrigwardi l-arrest ta' sister ship (u ċioè meta l-kreditu pretiż minn kreditur inħoloq fir-rigward ta' bastiment ieħor u mhux dak li ġie arrestat)*

*Illi jingħad ukoll li minn qari tat-test ta' Artikolu 742D jidher ċar illi hemm eċċezzjoni fejn m'hemmx għalfejn wieħed jidħol fil-merti ta' min kien u min huwa s-sid jew in-noleġġaturi tal-bastiment u dan huwa fil-każ ta' pretensjonijiet li jiġbdu fuqhom privileġġ speċjali skont Artikolu 50 ta' Kap. 234.*

*Illi jingħad illi xogħlijiet ta' tiswija u riparazzjoni huma speċifikament elenkati taħt wieħed mill-kapijiet ta' dawk il-krediti li jattiraw privileġġ speċjali. Artikolu 50(j) jgħid is-segwenti:*

> *"il-flus li jkollhom jieħdu akkreditati għal xogħlijiet, xogħol ta' ħaddiema u tiswijiet qabel it-tluq tal-bastiment għall-aħħar vjaġġ tiegħu:*
>
> *Iżda dan il-privileġġ ma jgħoddx jekk id-dejn ma jkunx ġie magħmul direttament minn sid il-bastiment, jew mill-kaptan, jew minn mandatarju tas-sid;"*

*Iżda x-xogħlijiet inkwistjoni ma jaqgħux taħt dan l-kap 'il għaliex ċertament ma ġewx forniti qabel it-tluq tal-bastiment fuq l-aħħar vjaġġ tiegħu. Kif jidher minn Dokument B anness mar-rikors ġuramentat tas-soċjetà attriċi, ix-xogħlijiet inkwistjoni saru fis-sena 2013 u ċioè tliet snin ilu. Hawnhekk, qegħdin nitkellmu dwar bastiment tas-sajd li kull sena joħroġ għas-sajd tat-tonn u għalhekk dejjem ħiereġ u dieħel minn portijiet differenti fil-Mediterran.*

*Nonostante l-fatt illi jidher ċar daqs il-kristall li l-allegat kreditu tas-soċjetà attriċi ma jgawdix privileġġ speċjali fuq dan il-bastiment, u b'referenza għall-Artikolu*

*37D(3) ta' Kap. 234 tal-Liġijiet ta' Malta, jingħad ukoll illi anke dato ma non concesso li s-soċjetà kreditriċi kellha privileġġ speċjali, xorta waħda ma hemmx ġurisdizzjoni in rem kontra l-bastiment rikorrenti. Artikolu 37D(3) ta' Kap. 234 jgħid is-segwenti:*

> *(3) Bla ħsara għal kull kawża oħra li minħabba fiha tista' skont il-liġi tispiċċa obbligazzjoni, il-privileġġi speċjali msemmija fl-artikolu 50 ma jispiċċawx mal-bejgħ tal-bastiment, ħlief fil-każ ta' bejgħ magħmul wara ordni jew bl-approvazzjoni ta' qorti kompetenti mill-qorti magħmul skont il-formi stabbiliti bil-liġi, jew meta, wara bejgħ volontarju jkun għadda perjodu ta' sena mid-data tar-reġistrazzjoni, dokumentazzjoni jew annotazzjoni ta' dak il-bejgħ volontarju fir-reġistru li għalih il-bastiment jappartjeni jew meta ma tkun tniżżlet ebda reġistrazzjoni, dokumentazzjoni jew annotazzjoni f'dak ir-reġistru mid-data tal-għeluq tar-reġistru tal-bastiment f'dik ir-reġistrazzjoni wara dak il-bejgħ volontarju, sakemm f'dak il-perjodu ta' sena ma tkunx inġiebet azzjoni quddiem qorti kompetenti biex tinġabar is-somma garantita b'dak il-privileġġ.*

*Illi l-prinċipju ġenerali huwa li privileġġ speċjali jsegwi l-bastiment irrispettivament ta' minn hu s-sid. Iżda ai termini ta' dan l-artikolu hemm żewġ eċċezzjonijiet li huma:*

> *(a) fejn il-bastiment inbiegħ b'ordni tal-qorti (jew b'subbasta jew inkella b' bejgħ approvat mill-Qorti ta' bastiment) jew*
>
> *(b) inkella jekk tkun għaddiet sena wara l-bejgħ volontarju tal-bastiment sakemm ma tkunx inġiebet l-azzjoni quddiem qorti kompetenti f'dak il-perjodu ta' sena.*

*Illi in vista tal-fatt li fit-3 ta' Dicembru, 2014 il-bastiment intimat kien diġà rreġistrat f'isem is-soċjetà estera SARL GOLDEN TUNA, u tal-fatt li din il-kawża ġiet intavolata fl-4 ta' Frar, 2016, u allura bilfors għadda aktar minn żmien mis-sena stipulata f'Artikolu 37D(3) ta' Kap. 234 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi għalhekk jidher ċar u tond li dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni li tisma' din l-azzjoni in rem għas-segwenti raġunijiet:*

1. *Illi s-somma pretiża mis-soċjetà attriċi tidher illi hija dovuta mis-soċjetà BENI LOUMA u mhux mis-soċjetà proprjetarja tal-bastiment, SARL GOLDEN TUNA u*

*għalhekk m'hemmx ġurisdizzjoni in rem stante li r-rekwiżit legali ta' Artikolu 742(D)(a) ta' Kap. 12 ma ġiex sodisfatt.*

2. *Inoltre, anke kieku għall-fini tal-argument dan il-kreditu allegatament pretiż kien jattira privileġġ speċjali ai termini ta' Artikolu 50 ta' Kap. 234 (li bħalma ġie spjegat mhux il-każ) u konsegwentament ir-rekwiżit legali ta' Artikolu 742(D)(a) ma kienx japplika, xorta waħda skont Artikolu 37D(3) ta' Kap. 234 m'hemmx ġurisdizzjoni in rem u dan 'il għaliex il-bastiment inbiegħ volontarjament lis-sid preżenti tal-bastiment, iktar minn sena ilu.*

G. *Illi għalhekk jirriżulta li tali mandat ta' arrest inħareġ illegalment b'mod frivolu, vessatorju u/jew malizzjuż.*

*IV. PENALI*

*Illi minħabba l-fatt li dan il-mandat huwa illegali u peress illi t-talba tas-soċjetà attriċi saret b'mod frivolu jew vessatorju, il-bastiment rikorrenti jidhirlu li hemm biżżejjed lok sabiex jitlob ukoll lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tikkundanna lis-soċjetà sekwestranta sabiex tħallas lill-istess bastiment penali ai termini ta' Artikoli 836(8)(d) jew Artikolu 861 ta' Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi ai termini tal-imsemmi Artikoli 836(8)(d) ta' Kap. 12, il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin Euro u tnax-il ċenteżmu (€6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja.*

*Illi permess tas-sentenza mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta fl-14 ta' Awwissu, 2013 fl-ismijiet* ***Joseph Tabone vs. Capece Construction Limited (C-52626)****, fir-rigward l-interpretazzjoni tal-imsemmi Artikolu 836(8) il-Qorti kkunsidrat illi dan l-artikolu:*

> *"Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltattiva. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultattiva, irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi*

> *imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap. 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjetà fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż".*

*Illi f'dan il-kaz odjern qegħdin nitkellmu fuq mandat ta' arrest ta' bastiment kummerċjali ta' sidien barranin u li jtajjar bandiera barranija u għalhekk ċertament jeżisti wkoll element internazzjonali. Huwa importanti għalhekk l-Qrati Maltin jippreservaw r-reputazzjoni internazzjonali ta' Malta bħala ġurisdizzjoni b'sistema legali stabbli. Qed jiġi sottomess li jekk dina l-Onorabbli Qorti ma timponix dawn il-penali f'każ bħal dan, tkun qed tagħti messaġġ skorrett lill-kredituri marittimi u ċioè li wieħed jista' jarresta bastimenti mingħajr ma jaċċerta li r-rekwiżiti legali ġew sodisfatti mingħajr ebda konsegwenzi ta' xejn!*

*Jingħad ukoll, li jekk il-Qorti tasal għall-konklużjoni li dan il-mandat odjern inħareġ b'mod malizzjuż, fil-kuntest ta' mandat ta' arrest ta' bastiment, għandu japplika l-Artikolu 861 ta' Kap. 12, li jgħid is-segwenti:*

*"Jekk jinsab li l-mandat ġie miksub mir-rikorrent fuq talba magħmula b'qerq, il-penali skont l-artikolu 836(8) ma għandhiex tkun ta' inqas minn ħdax-il elf u sitt mitt euro";*

*Illi għalhekk fil-fehma umli tal-bastiment intimat, il-Qrati Maltin għandhom id-dmir illi jaċċertaw is-serjetà f'kull proċess ġudizzjarju u sabiex ma tħallix l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż.*

*Illi dawn l-imsemmija artikoli qegħdin hemm preċiżament sabiex nevitaw sitwazzjonijiet fejn kull kreditur jista' jaqbad u joħroġ mandat ta' arrest mingħajr ma jara jekk ġew sodisfatti r-rekwiżiti kollha taħt il-liġi nostrana.*

## *V. Talbiet*

*Għaldaqstant, il-bastiment intimat umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara illi l-mandat ta' arrest numru 90/16 JM inħareg b'mod illegali;*

2. *Tiddikjara u tordna illi l-mandat ta' arrest numru 90/16 JM inħareġ b'mod frivolu jew/u vessatorju u/jew malizzjuż;*

3. *Fl-eventwalità li dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara u tordna li l-mandat inkwistjoni nħareġ b'mod frivolu jew vessatorju, tikkundanna u tordna lis-soċjetà Tunisia Tuna tħallas lill-bastiment intimat penali ai termini ta' Artikolu 836(8)(d) ta' Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jew alternattivament fl-eventwalità li dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara u tordna li l-imsemmi mandat inħareġ b'mod malizzjuż tikkundanna u tordna lis-socjetà Tunisia Tuna tħallas lill-bastiment intimat dawk il-penali maħsuba taħt Artikolu 861 ta' Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

4. *Tiddikjara u tordna r-rilaxx tas-somma ddepożitata permezz taċ-ċedola ta' depożitu numru 265/16 a favur il-bastiment intimat.*

Rat ir-Risposta ippreżentata fis-26 ta' Settembru, 2016 mill-**Avukat Cedric Mifsud għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Tunisia Tuna soċjetà ta' responsabbiltà limitata reġistrata fit-Tunezija, bin-numru ta' reġistrazzjoni B 18432002** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà eżekutanta") li tgħid dan li ġej:

1) *Illi is-soċjetà rikorrenti ġiet ingaġġata mis-soċjetà Beni Louma, li hija soċjetà reġistrata ġewwa l-Alġerija, bl-indirizz 10, Rue Gueffai Boumedienne, Oran Algeria, bħala propjetarja tal-bastiment intimat M/V Beni Louma bin-numru ta' reġistrazzjoni OR 5154, reġistrata taħt il-bandiera tal-Algerija sabiex teżegwixxi xogħlijiet ta' manutenzjoni u riparazzjoniijiet fuq l-istess bastiment waqt li kien irmiġġat fil-port ta' Sfax fit-Tuneżija;*

*2) Illi x-xogħlijiet saru u tlestew mis-soċjetà rikorrenti bejn it-tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu, 2013 u l-ħdax (11) ta' April, 2013. Illi meta nbdew ix-xogħlijiet kien hemm ftehim verbali bejn il-partijiet fuq is-servizzi rikjesti mill-bastiment intimat, liema ftehim verbali mbagħad ġie sanzjonat permezz ta' ftehim bil-miktub datat sitta (6) ta' Mejju, 2013;*

*3) Illi a bażi tal-ftehim hawn fuq imsemmi s-soċjetà rikorrenti ħarġet fattura għall-ammont ta' tliet mija disa u għoxrin elf, sebgħa mija u disgħa u sebgħin Dinar*

*Tuneżini u ħames ċenteżmi (Din 329,779.05) ekwivalenti għal mija, disgħa u erbgħin elf, tmien mija, disgħa u disgħin Euro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€149,899.57) rappreżentanti xogħlijiet ta' manutenzjoni u riparazzjonijiet fuq il-bastiment intimat;*

*4) Illi l-bastiment intimat huwa għalhekk debitur tas-soċjetà rikorrenti fis-somma ta' tliet mija disgħa u għoxrin elf, sebgħa mija u disgħa u sebgħin Dinar Tuneżini u ħames ċenteżmi (Din 329,779.05) ekwivalenti għal mija, disgħa u erbgħin elf, tmien mija, disgħa u disgħin Ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€149,899.57);*

*5) Illi għalkemm saru diversi interpellazzjonijiet, dana l-ammont baqa' ma tħallasx mill-entità konvenuta u għaldaqstant inbdew il-proċeduri ġudizzjarji neċessarji sabiex ikun jista' jiġi rikoverat l-ammont ta' tliet mija disgħa u għoxrin elf, sebgħa mija u disgħa u sebgħin Dinar Tuneżini u ħames ċenteżmi (Din 329,779.05) ekwivalenti għal mija, disgħa u erbgħin elf, tmien mija, disgħa u disgħin Euro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€149,899.57) li huwa dovut mill-bastiment intimat lis-soċjetà rikorrenti;*

*6) Għal dina ir-raġuni fil-21 ta' Jannar, 2016 ġie intavolat il-Mandat Kawtelatorju tal-Arrest ta' Bċejjeċ tal-Baħar numru 90/16 fl-ammont imsemmi u li ġie akkordat fl-istess jum. Illi l-bastiment intimat kellu interess illi jiġi rilaxxat u għalhekk filwaqt illi ġiet ottenuta l-emmissjoni ta' garanzija bankarja mill-APS Bank Limited għas-somma ta' mija u ħamsin elf u erba' mitt Euro (€150,400) a favur is-soċjetà rikorrenti ġia sekwestranta u dina l-garanzija kellha sservi bħala alternattiva sabiex il-pretensjonijet tas-soċjetà sekwestranta ikunu żgurati. Illi fit-22 ta' Frar, 2016 din il-garanzija alternattiva ġiet iddepożitata fir-Reġistru tal-Qrati Ċivili permezz ta' Ċedola ta' Depożitu numru 265/16 u wara ġie maħruġ il-kontromandat odjern u ċioè dak numru 258/2016 fejn il-bastiment ġie rilaxxat u ma baqax arrestat ġewwa l-ibħra Maltin;*

*7) Illi wara l-ħruġ ta' dawn il-mandati, ġiet intavolata l-kawża numru 94/16LM u li bħalissa tinsab pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta;*

*8) Illi fir-rikors tiegħu l-bastiment intimat jisħaq illi:*

> *"Is-soċjetà estera BENI LOUMA reġistrata ġewwa l-Alġerija mhijiex u qatt ma kienet il-propjetarja tal-bastiment intimat";*

*9) Illi meta wieħed jaqra il-preamboli tal-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet is-soċjetà Beni Louma tiġi deskritta bħala sid il-bastiment u għaldaqstant ma huwiex minnu illi is-soċjetà estera imsemmija qatt ma kienet sid il-bastiment intimat;*

*10) Illi jekk allegatament din is-soċjetà estera qatt ma kienet fil-fatt sid il-bastiment intimat, allura dan huwa nuqqas minn naħa tal-bastiment, illi bi frodi indika illi s-soċjetà li kienet sid il-bastiment kienet BENI LOUMA u mhux xi soċjetà intimata oħra sabiex ifixkel lis-soċjetà intimata milli tkun tista' tieħu passi kontra l-bastiment sabiex titħallas tax-xogħol li fil-fatt sar fuq il-bastiment u baqa' ma ġiex debitament imħallas;*

*11) Illi huwa prinċipju ben stabbilit fil-liġi nostrana illi:*

> *"hija regola fundamentali tal-liġi li l-kuntratti għandhom jiġu esegwiti in bona fede u li jobbligaw mhux biss dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha tali obbligazzjoni";*

*12) Illi għaldaqstant jekk il-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet ma kienx ġie eżegwit in bona fede min-naħa tas-sidien tal-bastiment għaldaqstant m'għandhiex tbati il-konsegwenzi s-soċjetà rikorrenti illi min-naħa tagħha kienet eżegwiet il-kuntratt in bona fede u saħansitra għamlet ix-xogħlijiet kollha in konnessjoni mal-obbligazzjonijiet tagħha skont il-kuntratt;*

*13) Illi jekk BENI LOUMA kienet fil-fatt għal xi żmien proprjetarja tal-bastiment intimat allura dan juri kjarament illi il-bastiment intimat qiegħed jipprova jpinġi stampa mhux veritiera quddiem dina l-Onorabbli Qorti billi jgħid illi dina s-soċjetà estera qatt ma kienet propjetarja tal-bastiment intimat;*

*14) Illi barra minn hekk il-prova miġjuba illi s-soċjetà SARL GOLDEN TUNA hija fil-fatt il-proprjetarja tal-bastiment intimat turi lis-soċjetà bħala sid il-bastiment M/V BENI LOUMA hija datata 3 ta' Diċembru, 2014 u għaldaqstant din il-prova turi illi peress illi d-debitu dovut huwa relattiv għas-sena 2013, il-bastiment intimat ġie trasferit intenzjonalment mis-sidien tal-bastiment intimat u dana bi preġudizzju għas-soċjetà rikorrenti ġaladarba qed isservi sabiex tkompli tfixkel lill-istess soċjetà rikorrenti milli tkun tista' titħallas tas-servizzi mogħtija minnha abbord il-bastiment intimat;*

*15) Illi bla preġudizzju għas-suespost, il-bastiment intimat qiegħed jisħaq illi l-mandat ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar inħareġ b'mod illegali. Jekk wieħed jara l-Artikolu 789 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta dan jistipula illi:*

*"789. (1) L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata –*

> *(a) jekk in-nullità hija ddikjarata mil-liġi espressament;*
>
> *(b) jekk l-att jinħareġ minn qorti mhux kompetenti;*
>
> *(ċ) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun*

*ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;*

*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi:*

*Iżda dik l-eċċezzjoni ta' nullità kif maħsuba fil-paragrafi (a), (ċ), u (d) ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni oħra tal-liġi.*

*(2) L-eċċezzjoni ta' nullità ta' att, taħt is-subartikolu (1)(ċ), ma tistax tingħata, meta l-parti li tagħtiha tkun baqgħat tagħmel jew, għad li tkun taf biha, tkun ħalliet li jibqgħu jsiru atti oħra wara, mingħajr ma teċċepixxi dik in-nullità".*

*16) Illi f'dan il-każ, il-mandat ġie akkordat primarjament nhar il-21 ta' Jannar, 2016 u mhux talli ma tressqet l-ebda tip ta' eċċezzjoni ta' din ix-xorta qabel illum iżda saħansitra ġiet depożitata garanzija alternattiva fir-Reġistru tal-Qorti u nħareġ kontromandat ieħor mingħajr qatt ma ssemmiet din id-diskrepanza fil-forma tal-Mandat kif maħruġ u akkordat;*

*17) Illi għaldaqstant dan il-fatt ikompli juri li din il-karta qiegħda tintlagħab f'dan l-istadju sabiex twaqqaf jew tfixkel l-andament tal-proċeduri ġudizzjarji illi hemm pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta;*

*18) Illi apparti mis-suespost, il-bastiment intimat qiegħed ukoll jitlob il-ħlas tal-penali. Illi primarjament l-impożizzjoni tal-penali u dana kif anke ġie stabbilit fis-sentenza* ***Joseph Tabone vs. Capece Construction Limited (C-52626)*** *deċiża fl-14 t'Awwissu 2013, kif ċitata mill-bastiment intimat stess fir-rikors tiegħu, l-impożizzjoni ta' penali ma hijiex obbligazzjoni tal-Qorti iżda:*

*"...din hija sanzjoni fakoltattiva. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultattiva, irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta."*

*19) Illi dawn l-erbgħa ċirkostanzi li huma stipulati f'artikolu 836 (8) huma:*

*"(a) jekk ir-rikorrent, mingħajr raġuni valida, ma jagħmilx il-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit bil-liġi;*

*(b) jekk, fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju,*

*huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed:*

*Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raġunijiet ta' urġenza għall-ħruġ tal-mandat;*

*(ċ) jekk iċ-ċirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jagħtux lok għal xi dubju raġonevoli dwar il-likwidità tiegħu u dwar il-kapacità finanzjarja tiegħu li jħallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qagħda tad-debitur kienet magħrufa sew;*

*(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja."*

*20) Illi il-bastiment intimat jisħaq illi l-artikolu 836 (8) (d) huwa applikabbli fil-kawża odjerna, iżda dan ma huwiex minnu ġaladarba l-mandat kawtelatorju inkwistjoni ma ġiex intavolat b'mod malizzjuż jew inkella għal xi raġuni frivola jew vessatorja.*

*21) Is-soċjetà rikorrenti hija kreditriċi ta' ammont konsiderevoli ta' tliet mija disgħa u għoxrin elf, sebgħa mija u disgħa u sebgħin Dinar Tuneżini u ħames ċenteżmi (Din 329,779.05) ekwivalenti għal mija, disgħa u erbgħin elf, tmien mija, disgħa u disgħin Ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€149,899.57) għal xogħol magħmul minnha u li ċertament ma jistax jingħad li debitu bħal dan jista' qatt jitqies bħala raġuni frivola jew vessatorja.*

*22) Illi apparti minn hekk ma jistax jingħad illi dan il-mandat kawtelatorju ġie intavolat b'mod malizzjuż jew qarrieqi kif ingħad mill-bastiment intimat għaliex is-soċjetà rikorrenti qiegħda biss tagħmel użu mir-rimedji illi huma konċessi lilha skont il-liġi sabiex tkun tista' titħallas tal-ammont dovut lilha.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat l-atti tar-Rikors.

Rat l-atti tal-kawża Rikors Maħluf numru 96/15LM bejn l-istess partijiet li kienet qiegħda tinstema' minn din il-Qorti kif presjeduta.

Semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Novembru, 2016 fejn ir-Rikors tħalla għall-provvediment għas-16 ta' Jannar, 2017.

Rat id-digriet tas-16 ta' Jannar, 2017 ta' din il-Qorti fejn ikkunsidrat:

> "Illi l-bastiment intimat għar-raġunijiet imsemmija fir-rikors promotur, isejjes it-talbiet tiegħu fuq l-asserzjoni illi l-Mandat ta' Arrest ta' Bċejjeċ tal-baħar 'il fuq minn għaxar metri (kawtelatorju) numru 90/16 inħareġ illegalment b'mod frivolu, vessatorju u/jew malizzjuż. Il-bastiment intimat jgħid illi l-imsemmi mandat ta' arrest inħareġ b'mod illegali stante illi għar-raġunijiet imfissra fir-Rikors, il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni li tisma' l-azzjoni *in rem* (Rikors Maħluf Nru. 96/15LM) kontra l-bastiment intimat.
>
> Illi f'dan ir-rigward għandu jiġi rrilevat illi fil-kawża dwar il-mertu bejn l-istess partijiet f'din il-proċedura u li qiegħda tinstema' ukoll minn din il-Qorti kif preseduta (Rikors Maħluf Nru. 96/15LM), il-bastiment konvenut f'dik il-kawża (il-bastiment intimat f'din il-proċedura) qiegħed jeċċepixxi *inter alia:*
>
>> "in linea preliminari, il-Qrati Maltin m'għandhomx il-ġurisdizzjoni meħtieġa biex jieħdu konjizzjoni tal-azzjoni attriċi billi din hija azzjoni *in rem* miġjuba kontra l-bastiment intimat u r-rekwiżiti neċessarji u kontemplati fl-Artikolu 742D tal-Kap. 12 tal-Liġijiet kif ukoll dawk imnisslin fid-dispożizzjonijiet ta' Kap. 234 tal-Liġijiet ta' Malta m'humiex sodisfatti. Dan billi s-sid preżenti tal-bastiment eċċipjenti u ċioè s-soċjetà estera SARL GOLDEN TUNA (kif jidher ċar mill-kopja taċ-ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment tal-Affarijiet Marittimi ġewwa l-Alġerija datat 15 ta' Marzu, 2016 anness u mmarkat Dokument AA1) qatt ma kien u mhuwiex "il-persuna responsabbli *in personam* versu s-soċjetà attriċi (ċioè mhuwiex ir-*relevant person*) kif irid l-imsemmi artikolu 742D. Ir-*relevant person* allegatament hija s-soċjetà estera BENI LOUMA, reġistrata ġewwa l-Alġerija, illi magħha kkuntrattat is-soċjetà attriċi".
>
> Illi s-smigħ tal-kawża Rikors Maħluf Nru. 94/16LM jinsab fl-istadju tal-għeluq tal-provi dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-bastiment konvenut u għall-eventwali trattazzjoni.
>
> Illi huwa aktar minn ċar illi li kellha l-Qorti tilqa' f'dan l-istadju t-talbiet tal-bastiment intimat kif dedotti fir-Rikors, dan inevitabbilment se jwassal biex l-azzjoni attriċi kif dedotta fir-Rikors Maħluf tiġi milquta b'mod fatali u għaldaqstant ikun

intempestiv u prematur li r-Rikors tal-bastiment intimat jiġi dekretat mill-Qorti f'dan l-istadju.",

Illi għalhekk ġie deċiż:

**"Illi wara li rat l-Artikolu 793(1) tal-Kap. 12, tqis illi d-deċiżjoni f'din il-proċedura tista' tolqot d-deċiżjoni fil-kawża Rikors Maħluf Nru 94/16LM b'mod fatali, u għalhekk il-Qorti tordna illi ż-żewġ proċeduri jinstemgħu kontestwalment fis-sens li dan ir-Rikors jiġi deċiż flimkien mal-ewwel żewġ eċċezzjonijiet mogħtija mill-bastiment konvenut fil-kawża Rikors Maħluf Nru 94/16LM."**

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti kif komposta fl-istess ismijiet (Rikors Maħluf Nru 94/2016LM) deċiża fl-20 ta' April, 2017 fejn il-Qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni mogħtija mill-bastiment konvenut (hawnhekk il-bastiment eżekutat) u għaldaqstant ċaħdet it-talbiet tas-soċjetà attiċi f'dik il-kawża u għall-istess raġunijiet sejra tilqa' r-raba' (4) talba tal-bastiment eżekutat f'dawn il-proċeduri, ċjoè r-rilaxx tas-somma depożitata permezz taċ-ċedola ta' depożitu numru 265/16[1] a favur tal-bastiment eżekutat M/V Beni Louma.

Illi għalhekk dak li jifdal x'jiġi deċiż f'dawn il-proċeduri huwa jekk il-mandat ta' arrest 90/16 inħariġtx b'mod illegali u b'mod frivolu jew/u vessatorju u/jew malizjuż skont dak illi qiegħed jitlob il-bastiment eżekutat fl-ewwel tliet talbiet tiegħu.

Illi kemm il-bastiment eżekutat fir-rikors promotur u kemm is-soċjetà eżekutanta fir-riposta tagħha, jagħmlu riferiment għall-istess deċiżjoni[2] in

[1] Liema somma kienet ġiet depożitata biex jiġi rilaxxat mill-arrest (mandat ta' arrest numru 90/16) il-bastiment M/V Beni Louma.

[2] P.A., 14.08.2013 fl-ismijiet **Joseph Tabone *vs.* Capece Construction Limited.**

sostenn tat-teżi rispettiva tagħhom. Il-bastiment eżekutat isostni illi ladarba li l-mandat ta' arrest ma nħariġx skont ir-rekwiżiti tal-artikolu 742D tal-Kapitolu 12, allura kien maħruġ b'mod illegali, apparti li nħareġ b'mod frivolu jew/u vessatorju u/jew malizjuż u din il-Qorti għalhekk għandha timponi jew il-piena ai termini tal-artikolu 836(8)(d) jew il-penali ikkontemplata taħt l-artikolu 861 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Min-naħa tagħha s-soċjetà eżekutanta issostni illi l-mandat ġie mitlub biex jiġi ikkawtelat l-kreditu sostanzjali tagħha wara suspett li s-sid oriġinali tal-bastiment konvenut, is-soċjetà Beni Louma kien ittrasferixxa l-bastiment eżekutat lis-soċjetà S.A.R.L. Golden Tuna frawdolentement biex jevita li jkun hemm minn fejn jinqabdu flejjes biex jagħmlu tajjeb għall-kreditu tas-soċjetà eżekutanta.

**<u>Kunsiderazzjonijiet ulterjuri ta' dritt</u>**

Il-parti rilevanti tal-artikolu 836 sub-artikolu (8) tal-Kap. 12 tgħid:

> "Il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (€6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, f'kull każ minn dawn li ġejjin:
>
> *Omissis.*
>
> (*d*) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja."

Barra minn hekk l-artikolu 861 tal-Kap. 12 jgħid:

> "Jekk jinsab li l-mandat ġie miksub mir-rikorrent fuq talba magħmula b'qerq, il-penali skont l-artikolu 836(8) ma għandhiex tkun ta'inqas minn ħdax-il elf u sitt mitt euro."

Inoltre l-artikolu 836(9) tal-Kap. 12 jipprovdi għal ħlas ta' danni:

> "(9) Fil-każijiet li jaqgħu taħt is-subartikolu ta' qabel dan, il-qorti tista', meta jsirilha rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, tikkundanna lir-rikorrent li fuq talba tiegħu jkun inħareġ il-mandat kawtelatorju sabiex iħallas dawk id-danni lil dik il-persuna li hija setgħet ġarrbet bil-ħruġ tal-mandat, u f'kawżi bħal dawk il-qorti għandha tara u tuża l-iskritturi tal-proċedimenti tal-att kawtelatorju u ta' kull proċediment ieħor li joħroġ jew jitnissel minnu, u dawk l-iskritturi għandhom jitqiesu bħala prova ammissibbli għall-finijiet ta' din l-azzjoni."

Iżda fil-proċeduri odjerni l-bastiment eżekutat mhuwiex qiegħed jitlob dawn id-danni u allura s-sub-artikolu 836(9) tal-Kap. 12 mhux ser jiġi kkunsidrat.

Illi għar-rigward tal-impożizzjoni tal-penali ai termini tal-Artikoli 836(8) u 861 tal-Kapitolu 12, fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna jingħad:

> "... din l-Qorti tagħraf illi din hija sanzjoni fakoltattiva, imħollija fid-diskrezzjoni tal-istess Qorti wara li jintwera għas-sodisfazzjoni tagħha, li seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi għall-impożizzjoni tal-istess sanzjoni, u ċioè is-subinċiżi (a) sa (d), tal-artikolu 836(8) tal-Kap.12.
>
> Il-Qorti hija tenuta li timponi dawn il-penali fejn jirriżultaw l-estremi tal-liġi fuq indikati. Dan huwa artikolu ta' ordni pubblika bl-iskop li jiġi assikurat is-serjetà tal-proċess ġudizzjarju u sabiex l-istitut ta' mandati kawtelatorji ma jiġix użat abbusivament – *vide* sentenżi fl-ismijiet **Carmel Farrugia u martu Lucija Farrugia *vs.* Charmaine Farrugia f'isimha proprju u f'isem binha minuri Francesco** deċiża fit-2 t'Awwissu, 2012 *per* Onor. Imħallef Dr. J.R. Micallef, **Cole Foods Limited *vs.* Euro Imports Limited** deċiża fit-13 ta' Marzu, 2003, per Onor Imħallef Dr. T. Mallia u **Joseph Rapa *vs.* Raymond Sammut** Appell Ċivili deċiża fit-13 ta' Marzu, 2001.
>
> Infatti skond l-insenjament tal-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tabone *vs.* Capece Construction Limited (C-52626**), fl-14 ta' Awissu, 2013 u b'referenza għall-Artikolu 836(8) tal-Kap. 12 dik il-Qorti rriteniet:

"Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltattiva ll-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultattiva, irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mill-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mill-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw, l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap. 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjetà fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż."

Illi fil-każ odjern il-Qorti ma jidhirlix li l-bastiment Dadayli ipprova sodisfaċentement skont il-liġi li t-talba għall-arrest tal-bastiment saret "b'malizzja, jew kienet frivola jew vessatorja." Din il-Qorti temmen illi t-talba saret bi premessi żbaljati iżda mhux intenzjonalment malizzjużi jew vessatorji u għaldaqstant, ma jikkonduċux lil din il-Qorti tinfliġġi din it-tip ta' sanzjoni."[3]

Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Avv. Ann Fenech *noe vs.* Il-Bastiment MY Whispering Angel**[4] ingħad:

"Illi fil-każ odjern il-Qorti, wara li eżaminat l-erba' ċirkostanzi indikati f'Artikolu 836(8)(a) sa (d) tal-Kapitolu 12, tagħraf li s-soċjetà GMW55 esekutat ma ppruvatx, u li din il-Qorti ma jirriżultalhiex, iċ-ċirkostanzi għall-impożizzjoni tal-penali jew għal garanzija xierqa minħabba l-ħruġ tal-mandat. Irid jingħad ukoll illi l-*buona fede* hija preżunta u l-ħażen irid jiġi ppruvat – vide **Miller Blacker *pro. et noe. vs.* Howard** - Kollezz . Vol. XXIV. i. 554."

Tqis illi fil-każ odjern ukoll ma nġabu ebda provi li l-Mandat *de quo* nħareġ b'mod illegali, b'mod frivolu u vessatorju u wisq inqas li nħareġ b'xi malizja, *mala fede* jew b'mod qarrieqi.

---

[3] Fid-deċiżjoni datata 12 ta' Frar 2015, P.A., fl-atti tal-kawża numru 1137/13JPG fl-ismijiet **Cassar Fuel Ltd *vs.* Il-Bastiment bl-isem MV K Dadayli** wara l-ħruġ tal-mandat ta' Arrest ta' Bċejjeċ tal-baħar 'il fuq minn għaxar metri (kawtelatorju) numru 1796/2013 JM.

[4] P.A., 05.06.2015, fl-atti tal-Mandat ta' Arrest ta' Bċejjeċ tal-Baħar numru 690/15.

Din il-Qorti ma tistax tibbaża fuq sempliċi insinwazzjonijiet u kif ingħad fis-sentenza **Dr. H. Lenicher *vs.* J. Camilleri:**[5]

> "F'kawżi ċivili l-attur li jallega li xi ħaġa ġratlu b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jġibx din il-prova l-azzjoni tiegħu ma jistax ikollha eżitu favorevoli, anke jekk il-konvenut ma jipprovax - għaliex legalment mhux obbligat li jipprova - li l-inċident ikun ġara tort tal-attur. Dan mhux għaliex it-tort għall-inċident ikun tal-attur imma sempliċement għaliex ma jkunx irnexxielu jipprova dak li allega bħala bażi tal-azzjoni tiegħu".
>
> Hekk ukoll hawn mhux qed jingħad li effettivament ma sarx xi manuvrar biex jiġi evitat li l-vapur jinqabad għad-djun preċedenti, iżda sempliċement li dan bl-ebda mod ma ġie ppruvat mis-soċjetà attriċi."

Tqis illi fil-proċeduri odjerni, ma ġie ppruvat bl-ebda mod li t-talba għall-arrest tal-vapur eżekutat saret b'mod frivolu u vessatorju u wisq inqas li saret b'mod malizjuż. Peress li ebda wieħed minn dawn l-elementi ma ġie ppruvat, il-Qorti ma tistax timponi l-ebda waħda mill-pieni mitluba mill-bastiment eżekutat.

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqstant din il-Qorti għar-raġunijiet fuq esposti, filwaqt li tiċħad l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba tal-bastiment eżekutat M/V Beni Louma, tilqa' r-raba' talba tal-istess bastiment eżekutat u tordna r-rilaxx tas-somma ddepositata permezz taċ-ċedola ta' depożitu numru 265/16 a favur tal-bastiment M/V Beni Louma.**

[5] P.A., 31.05.1972.

**Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà eżekutanta Tunisia Tuna bin-numru ta' reġistrazzjoni B 18432002.**

Moqrija.